MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2009

Numru 780/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Johann J Fenech)**

**Versus**

**Rodrick Galea.**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjoni dedotta kontra Rodrick Galea ta' 19-il sena bin il-mejjet Emanuel u Maria Dolores nee Agius imwieled fit-23 ta' Frar 1988 u joqgħod Emanuel, Triq id-Dwiemes Zejtun.ID 130188 (M)

Akkużat talli fit-28 t'April 2007 għall-ħabta tal-00.40 am fi Triq Għar Dalam, Birżebbugia, saq vettura bin-numru IBI-357 u b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku involontarjament ikkaġuna offiżi ta'

natura gravi fuq il-persuna ta’ Kevin Pintley skond kif iċċertifika Dr.Michael Spiteri MD ta’ l-Isptar San Luqa.

2. Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imputat ikun skwalifikat mil-liċenzji kollha tas-sewqan.

3. Rat l-atti kollha tal-proċess inlużi ċ-ċertifikat rilaxxjat minn Dr.Michael Spiteri a fol 2 d-dok KP! Sa KP 3 a fol 2, il-kunsens tal-Avukat Ġenerali tas-27 ta’ Diċembru 2007 u dak tal-imputat (fol 7) sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji, l-isketch (a fol 12), iċ-ċertifikat tat-twelid bin-numru 1301 tal-1988, il-fedina penali tal-imputat (Dok MS 2) u r-rapport ippreżentat mill-Prosekuzzjoni (fol 13).

4. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

5. Semgħet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

6. Skond PS 1302 Adrian Sultana, meta mar fil-post tal-inċident, huwa sab il-vettura MNX 100 imdaħħlu ġol-pilastru tal-entratura ta’ Villa Overhills. Il-vettura l-oħra IBI 357 sabha aktar ‘l isfel fid-direzzjoni ta’ Birżebbuġa. Il-vettura IBI 357 kienet ġejja mid-direzzjoni taż-Żejtun lejn Birżebbuġa. L-MNX kienet ser tagħmel right turn biex tidħol ġo Villa Overhills.

7. L-IBI 357 ħabtet ġol-ħajt u reġgħet ibbawnsjat biex spiċċat fejn tidher fuq l-isketch. Kevin Pintley, ix-xufier tal-MNX 100 kellu d-demm ħiereġ minn rasu u ttieħed l-Isptar. Ix-xhud ikkonferma li c-certifikat mediku kien dak li kien ippreżentat lilu mill-familjar ta’ Kevin Pintley. L-imputat kien għen lil Kevin Pintley biex joħroġ mis-seat ta’ wara.

8. Kevin Pintely xehed li hwua kien xegħel l-indicator ftit qabel wasal sal-gate tas-sala Overhills. Huwa kien ħares il fuq u ra t-triq clear għalkemm ra d-dawl kemm kemm ‘il

bogħod. (Fol 18). Huwa beda dieħel bil-mod għal ġos-sala . Kif daħal nofs il-karozza ġewwa sema' break u bum. Meta ħareġ mill-karozza sab li l-karozza minn ġewwa spiċċatlu barra bi dritt fejn il-koxxa tal-bieb. Ix-xhud qal li hu kien diġa' ġewwa l-gate. (fol.18) Il-ħabta saret ħdejn il-gate eżatt. Huwa kien intlaqat fuq wara (u hawn esibixxa r-ritratti). L-ewwel daqqa ħadha fuq ix-xellug fuq in-naħa tal-passiġġier. (Fol 19). Imbagħad ħa daqqa fuq il-pilastru tal-gate. Ix-xhud qal l għamlulu 50 punt f'rasu. U dam l-isptar tlitt ijiem waqt li għax-xogħol dam ma mar sitt ġimgħat.

9. Fil-kontro-eżami huwa qal li ma kienx hemm distanza twila minn fejn beda jsuq sas-sala għax kien ftit 'l isfel mill-Parking Area. Huwa deherlu li kien liebes seat belt. Kienu qalulu li spiċċa wara tal-karozza. Huwa kien ikkonferma li ntlaqat mal-ġenb.

10. Xehed ukoll Jonathan pintley li ħa r-ritratti bil-mobile. Huwa kkonferma li d-dokument KP 3 kien juri l-break marks. (Fl-iskeċċ huma indiakti bħala 16.4 metres). Huma kienu semgħu break u peress li l-karozza għandha s-saqaf jinqala' kien għajjat li dak kien ħuh. (fol 27). Ħuh kien fuq wara tal-karozza. Is-saqaf kien baqa' sħiħ. (fol 29). Lill-imputat ma kienx rah. Huwa ħa r-ritratti tal-brake marks għax kuġinuh kein qallu biex jieħu r-ritratti tagħhom 'għax dawk kienu l-brake marks tal-imputat'. (fol 30).

11. William Axisa xehed li kien fuq iċ-ċint u Kevin Pintley daħal fil-villa. F'daqqa waħda sema' brake u karozza kieniet daħlet minn wara ġol-karozza misjuqa minn Kevin Pintley. Din il-karozza għafset lil Pintley mal-pilastru. In-number plate tal-karozza ma keinx jafu. Pintely kien baqagħlu l-biċċa ta' wara tal-karozza barra. (fol 34). Il-karozza ħarġet tħares il-kontra li kienet bid-daqqa għax għafset aml-pilastru. Il-karozza kienet total loss.

12. Xehed ukoll Raymond Bartolo li qal li hu kien tiela' bil-karozza. Min ħabat kien neiżel u ta' min kien it-tieġ kien dieħel fis-sala. X'ħin daħal u kien baqagħlu l-mudguard ta' wara barra kien nieżel wieħed b'Corsa u tah daqqa. Il-karozza daħlet ġol-ħajt n-naħa ta' wara. Huwa ra r-ritratti u

għaraf il-karozza li aħdet id-daqqa. Ikkonferma wkoll li l-vettura l-oħra kienet aktr ‘l isfel kif tidher fl-iskeċċ. Il-karozza li tat id-daqqa kienet nieżla bi speed eċċessiv. Huwa kien ra biss d-dawl nieżel.

13. Fil-kontro-eżami hwua qal li ma kienx wara l-karozza ta’ Kevin Pintley iżda kważi miegħu.  Kif Kevin Pintley xegħel l-indicator ix-xhud qabżu fuq ġewwa. Kif qabżu ra l-karozza l-oħġra nieżla u sema’ ħoss kbir.

14. Brian Farrugia, Legal Officer fil-Licensing and Testing Directorate qal li mir-riċerka li kien għamel ma kien hemm ebda ebda vettura rfeġistgrata f’ismu.

15. Dr.Michael Spiteri xehed li Kevin Pintley kellu descalping injury,jiġifieri li l-ġilda bid-daqqa li qala’ sseparat minn mal-għadma tar-ras. Ma kienx hemm ksur fl-għadam tar-ras.

16. George Spiteri qal li l-Clio kienet qegħda fil-garaxx.imkissra għax l-imputat kellu aċċident fit-triq. Huwa qal li kien ra l-ħarozza maħbuta ġo karozza oħra li qasmitlu mil-lane l-oħra. Il-vettura li ħabat magħha l-imputat kienet hi u dieħla fit-triq għall-Overhills. Meta kien mistoqsi jekk il-vettura kintix daħlet ‘il ġewwa fl-entrata ta’ Villa Overhills, ix-xhud qal li kien jiddubita kellhiex il-bumper ġewwa.

17. Stephen Cachia, rappreżentant tal-ADT xehd li l-imputat kellu dirving licence li daħlet fis-seħħ fid-29 ta’ Marzu 2007.

18. Glenn George Pace xehed li fid-daqqa u l-ħin  waqt li kienu neżlin normali huwa ra karozza tikser f’daqqa lejn is-sala Overhills u sar l-aċċident.  Huma kienu marru jaraw xi ġralu d-driver. Wieħed mill-familjari ta’ daqqa ta’ ponn f’wiċċ l-imputat.  Il-karozza ta’ Pintely kienet kisret il-lane għal ġos-sala Overhills.  Id-daqqa saret fuq l-ewwel bieba ta’ quddiem. Id-daqqa saret fuq in-naħa tal-passiġġier. L-imputat kien qed isuq normali. Kien għaddej bejn il-50 u 60 kilometru fis-siegħa.

19. Fil-kontro-eżami x-xhud qal li l-karozza ta' Pintley mill-ewwel kisret u l-karozza tagħhom kienet ħabtet mal-karozza ta' Pintley mill-bidu tal-bieba tal-passiġġier fejn tmiss mal-mudguard. (fol 71).

20. Il-Prosekuzzjoni għalqet il-provi fil-5 ta' Novembru 2008.

**Id-Difiża**

21. Xehed l-imputat qal li huwa ma kienx waqaf meta ra l-karozza ta' Pintleyu tikser għax din qabdet u kisret x'ħin kien qed isuq l-imputat u lanqas biss ikkalkulatu. L-imputat a l-għajnuna lil Pintley. L-imputat qal li kien għaddej b'veloċita' minima. L-imputat kellu dawl. Il-vettura tiegħu kienet ġarrbet xi ħsarat u hu ma kienx sewwieha għax kien ser jixtri oħra. L-imputat qal li ma jidhirlux li kien ra xi indicators.

22. Għall-mistoqsija tal-Prosekuzzjoni li l-Pulizija ma kinux sabu brake marks, l-imputat qal li kellu brake marks.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti.**

23. L-ewwelnett jirriżulta bla ebda dubju li Kevin Pintley ġarrab offiża gravi. U m'hemmx kwistjoni dwar dan imqar jekk ma bqagħud jidhru għax l-artikolu 216 tal-Kap 9 jipprovdi għall-offiżi gravi li mhux permanenti.
Iżda wara li ntqal dan, wieħed irid jeżamina d-dinamika tal-inċident.

24. Hija massima fil-liġi tas-sewqan li min ser jagħmel il-moviment li mhux ortodoss – jiġifeiri li mhux jibqa' sejjer fil-linja tiegħu – għandu responsabilita' akbar huwa u jagħmel din il-manuvra.

25. Jirriżulta mill-atti li kien l-allegat vittma, Kevin Pintley li kien ser jagħmel din il-manuvra billi jitla' min-naħa ta' Birżebbuġa u jikser għall-Villa Overhills.

26. Kevin Pintley li kien ra dawl 'il bogħod. Jista' jkun li kien hawn li ddeċieda li kien hemm distanza biżżejjed bejn iż-żewġ karozzi biex jaqbad u jdur lejn il-Villa.

27. L-imputat kien għaddej fi triqtu fid-direzzjoni lejn Birżebbuġa u ma kellu jagħmel ebda manuvra speċjali ħlief li jżomm il-veloċita' li ttih il-Liġi f'built up area jew f'zoni fejn m'ehmmx bini.

28. Ingħatat xhieda li l-karozza ta' Kevin Pintley kienet diġa' ġewwa l-Villa Overhills. Xhieda oħra qalu li l-karozza kienet kważi ġewwa.

29. Il-Qorti ma jirriżultalhiex li l-karozza kienet kollha ġewwa. L-ewwelnett għax loġikament kieku l-ħabta ma kintix issir ħlief billi l-imputat jitlef il-kontroll u jidħol ġewwa d-drive tal-Villa. Iżda din il-verżjoni ma tirriżulta minn imkien.

30. Barra dan jekk wieħed jara Dok KP 1 u jqis x'qal l-istess Kevin Pintley a fol 19 jirriżulta li d-daqqa kienet fuq il-left in-naħa tal-passiġġier u mhux wara nett tal-karozza.

31. Dan kollu ma jħalli ebda dubju lill-Qorti li meta saret id-daqqa biċċa **sew** mill-karozza tal-allegat vittma kienet għadha **barra** mill-Villa. Saħansitra l-vittma stess xehed:

'Bdejt nidħol bil-mod għal ġos-sala Overhills. **Kif dħalt nofs il-karozza ġewwa smajt brake u bumm…' (fol 18)**

32. Il-verżjoni li ta George Spiteri meta qal: 'Niddubita jekk kellhiex il-bumper ġewwa' forsi tiġbed xi ftit iżżejjed lejn l-imputat. Iżda l-Qorti m'għandha ebda dubju li meta saret il-ħabta bejn il-karozzi, il-karozza tal-allegatament vittma kellha biċċa sew barra mill-Villa.

33. Ukoll jekk l-allegat vittma xegħel l-indicator, dan ma jfissirx li kellu d-dritt jaqbad u jaqsam. Fil-fatt il-Highway Code fil-paragrafu 193 jghid hekk:

'Signalling does not give you priority.'

34. L-argument tal-allegat vittma u tal-parte civili huwa li l-imputat kien ġej b'veloċita' kbira. L-imputat qal li kien għaddej bi speed normali.

35. Dan l-iseped wieħed jista' jikkalkolah mill-brake marks. Għalkemm ħadd ma xehed direttament dwar il-brake marks – min ħa r-ritratti qal li ħadd ieħor kien qallu li dawn tal-imputat – waqt li l-Prosekuzzjoni ma qalitx ta' min kienu l-brake marks, biss l-imputat qal li brake marks kien hemm.

36. Jekk il-brake marks li hemm fir-ritratt huma l-istess bħal dawk li hemm fl-iskeċċ, allura dawn huma tal-imputat. Skond il-paragrafu 284 tal-Highway Code ta' Malta speed ta' 64 kilometru fis-siegħa għandek thinking distance ta' 9 metri u brake marks ta' 14 metres.

37. L-ispeed għall-karozzi f'built u areas huwa ta' 50 kilometru fis-siegħa u fejn mhux mibni huwa ta' 80.

38. Jekk il-post fejn seħħ l-inċident **ma jitqiesx** a 'built up area' m'hemmx evidenza ċara li l-imputat kien għaddej bi speed akbar minn dak permess mil-liġi.

39. Jekk min-naħa l-oħra fejn sar l-impatt jitqies bħala 'a built up area' allura l-ispeed tal-imputat kien aktar minn dak permess.

40. Dan l-element waħdu jista' jwassal għall-imputazzjoni ta' sewqan eċċessiv għax wieħed ikun qed jaqbeż il-limiti imposti mil-liġi. Iżda dan ma jfissirx li l-imputat huwa responsabbli għall-inċident ġaladarba l-imputat m'għamel ebda manuvra straordinarja u kien fil-lane tiegħu. Kien l-allegat vittma li ried joqgħod b'mitt għajn huwa u jikser lejn il-Villa Overhills.

**Konklużjoni**

41. Għalhekk il-Qorti, wara li rat l-artikolu 226(1)(b) tal-Kap 9 u l-artikolu 15(1)(a)(2) tal-kap 65 qed tillibera lill-imputat mill-imputazzjoni dedotta kontra tiegħu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------